TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**In the Consumer Claims Tribunal**

Abigail Palmier

vs

Keune Hair Products - Yanika Rapinett

CCT 126/18/MS

11 ta' Settembru 2019

It-Tribunal,

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-6 ta' Awwissu 2018 fejn talbet is-somma ta' €250.00, kwantu ghal €200.00 - prezz ta' *hair extensions* provduti mill-intimata, liema *extensions* ma kienux tal-kwalita' pattwita, u kwantu ghal €50.00, danni sofferti mir-rikorrenti peress illi kellha tmur ghand terzi biex taghmel tajjeb dak li kien hazin min-naha tal-intimata.

Ra r-risposta tal-intimata pprezentata fl-17 ta' Awwissu 2018 fejn cahdet it-talbieti tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi fi kwalunkwe kaz kienet ir-rikorrenti stess li ghazlet il-kulur li riedet fuq l-*extensions.*

Ra l-atti kollha tal-process

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi bejn l-ahhar ta' Mejju u l-bidu ta' Gunju 2018, ir-rikorrenti ddecidiet illi taghmel *hair extensions* ghand l-intimata wara li rat riklam fuq Facebook. Ir-rikorrenti tghid illi hallset depozitu u ma nghatat l-ebda rcevuta, lanqas fl-ahhar meta x-xoghol tlesta kollu. Meta marret id-dar indunat illi l-kulur ma kienx jaqbel mal-kulur naturali taghha u li kellha zewg kuluri f'xagharha. Ir-rikorrenti tilmenta ukoll mill-fatt illi ghalkemm dawn l-*extensions* kienu reklamati bhala genwini (*human hair*) dan ma kienx veru. Di piu;, ghalkemm l-intimata kienet qaltilha biex terga' tmur ghandha biex tirranga l- kulur, meta marret, sabet omm l-intimata u l-intimata ma kenitx prezenti peress illi kienet imsiefra. Meta r-rikorrenti kellmitha fuq it-telefon, l-intimata qaltilha li ommha kienet taf fuq il-kaz

u li kienet ser tiehu hsiebha hi. Pero' dan ma kienx minnu ghaliex ir-rikorrenti tghid li omm l-intimata ma reditx taf biha. Wara gimgha tigri b'zewg kuluri f'xagharha iddecidiet illi tmur ghand professjonisti taljani biex jirrangaw il-kulur. Ghand dawn nefqet €50.00. Ir-rikorrenti qed tillimita t-talba taghha ghall-mitejn Euro li hallset lir-rikorrenti u mhix qed tippretendi l-flus li hallset lil terzi biex tirranga l-kulur. Tghid ukoll illi l-intimata qed tirrifjuta ttiha flusha lura u qed tinsisti illi x-xaghar huwa genwin.

Illi min-naha l-ohra, l-intimata tghid illi meta r-rikorrenti giet ghandha u talbet ghal *hair extensions* urietha t-tip ta' xaghar fuq katalogu u kampjuni fuq *colour rim.* Ix-xaghar ma jaghmlux huma izda jordnawh minn kumpanija bl-istem ta' *MXL extensions.* Sar l-intervent u l-ghada l-intimata siefret . Fl-istess gurnata ir-rikorrenti baghtet messagg lill-intimata fejn qaltilha li riedet tbiddel il-kulur. Qaltilha biex tmur is-*salon,* pero' ma setghetx. Ir-rikorrenti marret ghand terzi u riedet lill-intimata thallasha ta' kemm hallset ghand dawn it-terzi. Wara xahrejn ir-rikorrenti cemplet lill-intimata u qaltilha li xtaqet il-flus lura il-ghaliex ix-xaghar ma kienx veru *human hair.* L-intimata ikkomunikat mal-kumpanija li pprovdiet ix-xaghar u din tal-ahhar talbet li tara x-xaghar in kwistjoni sabiex jigi verifikat. Meta staqsiet lir-rikorrenti biex ittiha x-xaghar lura, ir-rikorrenti qaltilha li x-xaghar kien fir-*rubbish* u riedet il-flus lura.

Ikkunsidra

Filwaqt illi mhux kontestat li r-rikorrenti marret ghand l-intimata sabiex taghmel *hair extensions*, jidher illi mhemmx qbil bejn il-partijiet dwar it-tip u kulur ta' xaghar illi gie provdut mill-intimata. Zgur illi kien hemm hin meta r-rikorrenti giet murija kampjun ta' dawn il-*hair extensions* u kienet l-istess rikorrenti li ghazlet it-tip ta' xaghar illi riedet tuza. L-intimata assikurata li l-*extensions* kienu ser ikunu *human hair* izda r-rikorrenti tallega illi dan ma kienx minnu u li x-xaghar provdut mill-intimata kien wiehed manifatturat u li ma kienx *human hair.* Minkejja illi dan gie kontestat mill-intimata, ir-rikorrenti unilateralment iddecidiet li tiddisponi mix-xaghar in kwistjoni b'tali mod illi issa ma hemm l-ebda mezz kif tista' ssir il-verifika jekk dan ix-xaghar verament kienx *human hair* jew le. Ir-rikorrenti strahet fuq ittra mibghuta minn Katia Agata Privitera li jgib id-data 4 ta' April 2019. Din l-ittra mhijiex ikkonfermata bil-gurament u Katia Privitera ma ngabitx tixhed biex tikkonferma dak li kitbet - ghalhekk din tal-ahhar m'ghandha l-ebda valur probatorju u t-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni taghha.

Barra minn hekk jidher li hemm nuqqas ta' interess tar-rikorrenti peress illi wara illi xehdet quddiem dan it-Tribunal ma regghetx deheret quddiemu biex isegwi l-andament tal-kawza u tiehu l-provvedimenti li hemm bzonn. Ghalhekk jibqa' l-fatt illi l-allegazjoni tar-rikorrenti baqghet in arja u ma tistax tissodisfa lanqas il-kriterju ta' probabbilita' li huwa necessarju ghas-success tal-istanza taghha. Ladarba ddecidiet li tagixxi lil dan it-Tribunal, kellha almenu tassigura illi ggib il-provi necessarji biex tikkorrobora dak li kienet qieghda tghid.

Dan m'ghamlitux u avolja x-xhieda taghha ghandha valur probatorju peress illi nghata bil-gurament u skond il-ligi, l-istess ghandu jinghad ghax-xhieda tal-intimata li nnegat dak kollu illi qalet ir-rikorrenti u bir-ragun, talbet li tiehu pussess tal-*hair extensions* sabiex isiru l-verifiki opportuni. Kien nuqqas kbir tar-rikorenti illi ddecidiet illi tiddisponi mill-ahjar prova li kellha ghas-success tal-kawza taghha.

Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorenti
Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti
Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri. Av.
Arbitru